IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

National Book Council
Bice Mizzi Vassallo Complex
Arnheim Road
Pembroke PBK1776
Malta EU

+356 27131574
matthew.borg@ktieb.org.mt

# Il-Laqgħa Annwali ta' Konsultazzjoni għall-Awturi u l-Pubblikaturi - Minuti

Data: 22 ta' Jannar 2022
Ħin: 10am-12pm
Post: online

## Parteċipanti

### Għall-KNK

Mark Camilleri - Kap Eżekuttiv
Simona Cassano, Matthew Borg, Andrew Ricca, Michael Mercieca, Natalija.

### Għall-Awturi u l-Pubblikaturi

Alex Mizzi, Alfred E. Baldacchino, Alfred Scalpello, Amanda Agius, Anna Borg Cardona, Antoinette Borg, Christabel Attard, Christopher Giordano, Clare Azzopardi, Diane Farrugia, Stephen Borg, Du Barry Becu de Cantigny, Elizabeth Cortis, Immanuel Mifsud, Jean Paul Borg, Jesmond Chetcuti, Kisrten Spiteri, Lara Bezzina, Lorna Vassallo, Mario Saliba, Mary Rose Mifsud, Michael Briguglio, Michael Cini, Noel Tanti, Norman C. Borg, Oliver Aquilina, Raymond Grech, Rita Antoinette Borg, Rita Saliba, Robera Bajada, Ronald Bugeja, Samule Azzopardi, Sandra Hili Vassallo, Stephen Lughermo, Toni Sant, VD Falzon

### Għall-Pubblikaturi

Audrey Cassar, Chris Azzopardi, Chris Gruppetta, Clive Perini, Gordon Pisani, Joanne Micallef, MaryAnn Vella

L-Aġenda

1. Wara l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2021 - diskussjoni u suġġerimenti għall-2022

**Mark Camilleri** tkellem dwar kif il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb wasal għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2021. Semma kif il-permess biex il-Festival isir ingħata fit-3 ta' Ottubru 2021.

Irrimarka wkoll li l-KNK kellu rispons posittiv mingħand l-esebituri, filwaqt li fakkar sabiex ikun hemm aktar esebituri li jwieġbu s-sondaġġ li l-KNK bagħat wara l-Festival. Il-post se jibqa' li hu għall-2022 - l-MFCC.

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022 se jsir bejn it-23 u s-27 ta' Novembru.

Semma wkoll ir-raġunijiet ewlenin għala l-Festival se jibqa' jsir l-MFCC:

Żieda fil-bejgħ għall-esebituri
Sular wieħed li jfisser l-istess vantaġġi għal kulħadd
Festival li jimmira li jibqa' jikber
Il-KNK kommess li jaħdem biex itejjeb l-armar, il-loġistika, l-akustika, u r-riżultati aħħarin.
L-idea li jkun hemm pjazza kulturali waqt il-Festival sabiex pubblikaturi u awturi jiltaqgħu u jitkellmu

Mark Camilleri tkellem ukoll dwar il-vawċers għall-istudenti, li se jinżammu b'mod ibridu - jiġifieri se nżommu l-aspett tal-iskennjar iżda nipprintjawhom lill-istudenti. Dan anki sabiex niġbduhom fiżikament lejn l-MFCC - jekk ir-regolamenti tas-saħħa jkunu jippermettu.

Il-KNK se jkun qed iħares ukoll lejn modi ġodda kif il-kittieba awtoppubblikati jitpoġġew fis-sala.

**Lorna Vassallo** qalet li bħala kittieba awtoppubblikata diffiċli tesebixxi u tippromwovi l-kotba tagħha. Issuġġeriet li jkun hemm spazju waqt il-Festival. **Mark Camilleri** weġibha li dan l-ispazju beda jingħata mill-2021.

**Maryrose Mifsud** kellha problems teknika bil-captions. Irranġatha u kompliet.

**Rita Saliba** qalet li l-Festival kien esperjenza sabiħa għaliha. Ik-kummentat dwar kif skontha ntilef ħafna ħin sabiex tittieħed it-temperatura kull darba li ħarġet barra u kellha terġa' tidħol. Issuġeġriet li jsir bħalma sar waqt l-airshow fejn it-temperatura ttieħdet darba u min itteħditlu ngħata brazzuletta.

Tkellmet ukoll dwar kif bosta attivitajiet imxew fuq xulxin u ma setgħetx tattendi kollox.

**Mark Camilleri** ġibed l-attenzjoni dwar dawk l-esebituri li ramaw tard. Talab sabiex ir-regolamenti jitħarsu.

**Ronald Bugeja** staqsa jekk ikunx hemm ċans li waqt il-Festival il-kittieba awtoppubblikati jitkellmu dwar il-kotba tagħhom. **Mark Camilleri** rrefera għall-pjazza kulturali.

<u>2. Bidla fid-data tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022</u>

Ara hawn fuq.

<u>3. Wara l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2021 - diskussjoni u suġġerimenti għall-2022</u>

**Mark Camilleri** qal li l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2022 se jimxi b'-xahar.

Dawn huma r-raġunijiet għala d-data mxiet:

a) Loġistikament jagħmel sens li l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb isir qabel il-Festival. B'hekk il-kategoriji tat-Terramaxka u l-Adulti jingħaqdu.

b) Biex il-Festival ikun eqreb tal-festi u nkunu nistgħu nikkapitalizzaw minn daż-żmien

c) Il-pubblikaturi jkunu jistgħu jippromwovu l-kotba li jkunu għadhom kif rebħu l-Premju

Kompla biex irrefera għal xi kummenti tal-awturi dwar il-Premju.

Dwar kategoriji ġodda: Il-baġit għall-Premju tal-2022 diġà ssettjat. Il-proposti tagħkom għall-2023 merħba bihom.

**Mark Camilleri** rrimarka li minkejja l-pandemija n-numru ta' sottomissjonijiet għall-Premju tal-2021 wera kemm l-industrija hija reżiljenti.

Semma wkoll li ma kienx hemm kotba sottomessi jew rebbieħa fil-kategoriji tad-Drama, u l-età 13-16 tat-Terramaxka oriġinali u tradotti.

Letteratura mhux Fittizja: Se tkun tinkludi l-bijografiji jekk il-Bord jaqbel mal-proposta.

**Lorna Vassallo** semmiet li m'hemmx kategorija għal kotba tal-grammatika, avolja s-suq qiegħed hemm. Temmen li jekk jiġu ppremjati l-awturi tagħmlilhom kuraġġ ikomplu jiktbu.

**Immanuel Mifsud** tkellem dwar iċ-ċerimonja u rrimarka li ma jaqbilx li tibqa' ssir Kastilja.

Fis-sezzjoni tal-kummenti tal-avveniment online dawn l-awturi ssekondaw din il-proposta: Toni Sant, Clare Azzopardi, Rita Antoinette Borg, Mark Vella, Norman C. Borg, Lara Bezzina, Noel Tanti, Christopher Giordano, Antoinette Borg, Ronald Bugeja.

**Stephen Borg** qal li ċ-ċerimonja ssir Kastilja sabiex il-Gvern jonora lill-kittieba.

**Alex Mizzi** rrimarka li l-Akkademja tmur għand il-President.

**Mark Vella** wieġeb li kemm jista' jkun il-letteratura m'għandhiex tidħol fil-politika istituzzjonali. Ir-rikonoxximent politiku għandu jiġi billi l-Gvern, ikun fejn ikun, ikun preżenti għaċ-ċerimonja.

Żied li għandna nissorvolaw id-dibattitu għandhiex issir Kastilja jew il-Palazz tal-President. Qal li jekk iċ-ċerimonja tixxandar fuq it-TV toħloq aspettattivi ġodda mal-pubbliku.

Fis-sezzjoni tal-kummenti **Chris Azzopardi** ssuġġerixxa li s-serje ta' kotba tiddaħħal bħala tali għall-Premju, u qal li hu kellu joqgħod jimla 12-il formola biex idaħħal is-serje tiegħu.

**Ronald Bugeja** tkellem dwar il-kotba tar-riċerka u kemm jiġu jiswew flus u riċerka.

Aġenda miżjuda - Il-Fond Malti tal-Ktieb

**Mark Camilleri** tkellem dwar il-Fond Malti tal-Ktieb u qal li se jkun hemm żewġ kategoriji ġodda - waħda li tgħin fir-ripubblikazzjoni ta' klassiċi Maltin u oħra għat-traduzzjoni ta' siltiet li jintużaw biex iqajmu interess minn pubblikaturi barranin.

Simona Cassano fiehmet x'se jkun fiha l-kategorija tat-traduzzjoni ta' siltiet.

Qalet li dil-kategorija l-ġdida se tgħin biex jitnaqqas iċ-ċans li traduzzjoni ssir fl-intier tagħha u ma tiġi ppubblikata qatt. Irrimarkat li minn l-edizzjoni tal-2022 'il quddiem kull min japplika biex jaqleb ktieb fl-intier irid jehmeż mal-applikazzjoni ittra ta' interess mingħand pubblikatur barrani.

Min-naħa l-oħra l-fond għat-traduzzjoni ta' silta ma teħtieġx ittra ta' interess, u s-silta ma tridx taqbeż it-3,500 kelma.

Jekk l-applikant tas-silta jingħata l-fond, is-sena ta' wara jkun jista' japplika biex jittraduċi l-ktieb sħiħ dejjem jekk jippreżenta espressjoni ta' interess.

Dan se jgħin fuq diversi bnadi: lit-tradutturi biex jiffukaw fuq xogħolhom, lill-KNK għax inkunu nistgħu nużaw dawn is-siltiet, u r-riga ta' kotba li l-KNK nużaw biex nippromwovu ma tibqax tkun biss il-kotba rebbieħa/finalisti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb.

**Toni Sant** staqsa jekk iridx ikun biss pubblikatur barrani li juri ittra ta' interess għal applikazzjonijiet għat-traduzzjoni. Staqsa jekk pubblikaturi lokali li jippubblikaw bl-Ingliż ikunux esklużi.

**Simona Cassano** wieġbet li jekk l-applikazzjoni ma jkunx fiha ittra ta' interess, l-applikant irid ifiehem għala ddeċieda li jittraduċi fil-lingwa li tkun u juri li s-suq li għalih hi immirata t-traduzzjoni japplikax għaliha.

Qalet ukoll li pubblikatur lokali li jippubblika b'lingwa barranija jista' jkollu ittra ta' interess għal applikazzjoni tat-traduzzjoni.

Temmet tgħid li l-KNK qed jipprova jnaqqas l-anomalija tas-suq meta jkollok traduzzjonijiet li ma jiġu ppubblikati qatt.

**Rita Antoinette Borg** qalet li hi ġiet ippubblikata barra minn Malta - Bloomsbury u ma' Amazon. Tixtieq li l-kotba tagħha jiqalbu għall-Malti.

**Simona Cassano** staqsietja jekk għandhiex pubblikatur fil-komma, u talbitha tiltaqa’ mal-KNK.

**Immanuel Mifsud** qal li jekk, ngħidu aħna, hemm pubblikatur Olandiż interessat ikun irid jaqra s-silta, iżda m’hemmx garanzija li jippubblika l-ktieb sħiħ.

**Simona Cassano** wieġbet li t-traduzzjoni tas-siltiet mhijiex marbuta ma’ pubblikatur. Li jiġri hu li wara li s-silta tingħata l-fondi biex tiġi tradotta l-applikant jibgħatha lill-pubblikatur.

Jekk il-pubblikatur barrani kellu interess minn qabel għall-ktieb, mela l-applikant għandu japplika għall-fond tat-traduzzjoni tal-ktieb fl-intier tiegħu.

**Immanuel Mifsud** issuġġerixxa li d-Dipartiment tal-Malti u l-KNK jiltaqgħu għax anki huma qed jaħdmu fuq proġett ta’ ripubblikazzjoni ta’ klassiċi Maltin.

**Mark Camilleri** qal li l-KNK qed jiżviluppa pjan sabiex fit-tliet snin li pejjin l-esportazzjonijet letterarji jiżdiedu u biex jixpruna inizjattiva sabiex titwaqqaf aġenzija letterarja.

**Alex Mizzi** semma lill-komunitajiet Maltin barra minn Malta u staqsa jekk il-KNK jaħdimx magħhom.

**Matthew Borg** wieġbu li iva, ġieli ħdimna magħhom fuq donazzjonijiet, u stieden lil Alex li jekk għandu xi kuntatti jgħaddihom lill-KNK.

**Mark Camilleri** nnota li l-KNK wasal biex jippubblika lil Dun Karm fir-Russu.

**MaryRose Mifsud** talbet li jkun hemm għarfien ukoll dwar kif awtur javviċina pubblikatur, apparti l-fondi li jingħataw wara.

4. Bidla fid-data u l-format tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2022

Ara hawn fuq

5. Tibdiliet aċċettati

Ara hawn fuq

6. Proċess ġdid għall-ISBNs

**Mark Camilleri** ħabbar li l-formola se timxi online.

Bis-saħħa ta' dal-proċess ġdid tgħallimna li hemm ħafna kittieba awtoppubblikati. Dal-proċess se jgħinna sabiex nagħrfu kemm ikun hemm ISBNs maħruġa li jissarrfu f'kotba ppubblikati.

Fis-sondaġġ tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika dan id-dettal ma jinqabadx - jiġifieri kemm jinħarġu ISBNs li eventwalment jiġu ppubblikati f'kotba.

Il-formola l-ġdida tal-ISBN tgħinna niġbru din l-informazzjoni.

Nixtiequ li l-pubblikaturi li javviċinawna biex japplikaw għall-ISBN japplikaw tard kemm jista' jkun qabel il-pubblikazzjoni sabiex nevitaw ISBNs maħruġa li ma jissarrfu qatt f'kotba ppubblikati.

Proċess awtomatizzat jgħinna nifhmu aħjar is-suq. L-aġenziji tal-ISBN jaħdmu aħjar meta d-database tkun tista' tiġi aġġornata kull kwart tas-sena, u l-ISBN maħruġ ikollu miegħu data tal-pubblikazzjoni tentattiva.

Kemm il-pubbliku kif ukoll l-imsieħba jibbenefikaw minn dal-proċess ġdid.

<u>Aġenda miżjuda: Il-Jeddijiet tas-Self Pubbliku (PLR)</u>

**Mark Camilleri** semma kif il-KNK estenda l-iskema għall-kotba b'ISBN Malti mislufa mil-Librerija tal-Università ta' Malta.

Elenka xi kampanji u inizjattivi oħra tal-KNK:

Kampanja promozzjonali tar-rebbieħa tal-Premju
Trailers tal-kotba
Kampanja dwar l-aqwa kotba Maltin li qatt ġew ippubblikati
Poddata letterarja

**MaryRose Mifsud** staqsiet jekk il-KNK jaħimx ma' esperti tal-marketing meta nippromwovu l-kotba. Ħasset li fi żmien il-Milied ma kienx hemm biżżejjed kapitalizzar miż-żmien. Ġabet eżempju bis-suq tax-xorb.

**Mark Camilleri** wieġeb li iva naħdmu ma' esperti tal-marketing.

Matthew Borg wieġeb li l-fatt li l-Festival mexa lejn l-aħħar ta' Novembru se jgħin sabiex l-esebituri jippromwovu l-offerti tal-Milied waqt il-Festival. Semma wkoll li l-pubblikaturi jibdew minn qabel bl-offerti tagħhom.

**Chris Gruppetta** rrimarka li l-baġit għal swieqi oħra, eżempju tax-xorb, huma ferm ogħla minn dak tal-industrija tal-kotba.

**Chris Azzopardi** staqsa humiex jinkisru d-drittijiet meta f'xi gruppi lokali tal-facebook jinbiegħu kotba, anki ġodda, bħala second hand bi prezz baxx.

**Mark Camilleri** wieġeb li m'hemmx ksur tal-liġi.

**Lorna Vassallo** staqsiet għadx hemm il-pjan li l-KNK jiftaħ ħanut li jbigħ il-pubblikazzjonijiet lokali.

**Mark Camilleri** wieġeb li iva, u semma x-xogħlijiet għaddejjin fil-palazz tal-Belt.

**Stephen Borg** tkellem dwar il-ħlas tal-PLR għal dixxendenti ta' awturi, illum mejtin, li l-kotba tagħhom għadhom jissellfu. Sostna li dawn ħaqqhom jitħallsu wkoll. Semma kittieba bħal Emilio Lombardi, JJ Camilleri, Ivo Muscat Azzopardi, Gino Muscat Azzopardi.

**Raymond Grech** qal li jissekonda l-proposta ta' Stephen Borg.

**Mark Vella** rrimarka li l-copyright tibqa' tiswa sa 70 sena wara l-mewt tal-awtur. Min għadu m'għaddilux daż-żmien l-eredi tagħhom iridu jiġu kkonsultati minn min ikun interessat jirripubblika x-xogħlijiet tal-awtur.

**Lorna Vassallo** qalet li jrid ikun hemm data stabbilita u l-kittieb jidentifika min huma l-eredi tiegħu. Dan kollu jgħodd għal-liġi.

Stephen Borg qal li bosta eredi avviċinawh u qalulu li għandhom manuskritti li qatt ma ġew ippubblikati.

7. Il-kalendarju tal-avvenimenti tal-KNK għall-2022

Ara hawn fuq.

**Mark Camilleri** u **Matthew Borg** staqsew jekk hemmx xi punti oħra li jridu jqajmu l-awturi u l-pubblikaturi.

Matthew Borg avża li l-minuti jintbagħtu t-Tlieta 25 ta' Jannar, u li dakinhar il-KNK iħabbar id-dati ewlenin tal-konkorsi u l-premji tiegħu.

Il-Laqgħa Annwali ta' Konsultazzjoni għall-Awturi u l-Pubblikaturi ntemmet f'12pm.

It-tieni Laqgħa Annwali ta' Konsultazzjoni għall-Awturi u l-Pubblikaturi ġiet skedata għal Settembru tal-2022.